

Rapport Finali ta' l-Uffiċjal tas-Seduta fil-Każ COMP/M.4731 — Google/DoubleClick

(skond l-Artikoli 15 u 16 tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni (2001/462/KE, KEFA) tat-23 ta' Mejju 2001 dwar it-termini ta' riferenza għall-Uffiċjali tas-Seduta f'ċerti proċeduri dwar il-kompetizzjoni — ĠU L 162, 19.6.2001, p. 21)

(2008/C 184/05)

Fil-21 ta' Settembru, 2007 il-Kummissjoni rċeviet notifika ta' konċentrazzjoni proposta skond l-Artikolu 4 u wara referenza skond l-Artikolu 4(5) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ⁽¹⁾ ("ir-Regolament dwar l-Għaqdiet") li permezz tagħha l-impriża Google Inc. ("Google", ta' l-Istati Uniti) takkwista fit-tifsira ta' l-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament tal-Għaqdiet il-kontroll sħiħ ta' l-impriża DoubleClick Inc. ("DoubleClick", ta' l-Istati Uniti) permezz ta' xiri ta' ishma.

Wara li eżaminat in-notifika, il-Kummissjoni kkonkludiet li l-operazzjoni nnotifikata tqajjem dubji serji dwar kemm l-akkwist innotifikat huwa kompatibbli mas-suq komuni, kif ukoll mat-tħaddim tal-Ftehim taż-ŻEE fejn jidħol is-suq tar-reklamar fuq l-internet. Il-Kummissjoni tqis ukoll li l-impenji proposti, fid-19 ta' Ottubru 2007, mill-parti li għamlet in-notifika mhumiex biżżejjed biex jeliminaw għal kollox id-dubji serji identifikati mill-Kummissjoni matul il-fażi I ta' l-investigazzjoni. Għaldaqstant, fit-13 ta' Novembru 2007, il-Kummissjoni ddeċidiet li tibda l-proċedura skond l-Artikolu 6(1)(c) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet.

Fis-16, id-19 u l-20 ta' Novembru 2007 ingħata aċċess għal dokumenti ewlenin lill-parti li għamlet in-notifika, skond il-paragrafu 45 ta' l-Aħjar Prassi tad-DĠ Kompetizzjoni dwar it-tmexxija ta' proċeduri ta' kontroll tal-KE dwar l-għaqdiet.

Abbażi tal-provi addizzjonali miġbura matul il-fażi II ta' l-investigazzjoni, il-Kummissjoni kkonkludiet li l-tranżazzjoni proposta mhix se timpedixxi b'mod sinifikanti l-kompetizzjoni effettiva fis-suq komuni jew f'xi parti sostanzjali minnu u għalhekk hija kompatibbli mas-suq komuni u mal-Ftehim taż-ŻEE. B'hekk, ma ntbagħtet l-ebda Dikjarazzjoni ta' Oġġezzjonijiet lill-partijiet.

Ma saru l-ebda mistoqsijiet jew sottomissjonijiet mill-partijiet jew minn xi parti terza oħra. Il-każ ma jirrikjedix kummenti partikolari rigward id-dritt tas-smiġh.

Brussell, it-3 ta' Marzu 2008.

Karen WILLIAMS

⁽¹⁾ ĠUL 24, 29.1.2004, p. 1